



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 117/23

il-Lussemburgu, 6 ta' Lulju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ĝeneralis fil-Kawża C-122/22 P | Dyson et vs Il-Kummissjoni

### Avukata Ĝeneralis Ĉapeta: Il-ksur mill-Kummissjoni tad-Direttiva dwar l-Ittikkettjar tal-Enerġija bl-adozzjoni tat-test tal-borża vojta għall-vacuum cleaners huwa suffiċjentement serju

*Għaldaqstant hemm lok li tiġi annullata s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralis li tieħad ir-rikors ta' Dyson*

Fl-2013, il-Kummissjoni adottat regolament delegat<sup>1</sup> li permezz tiegħu introduċiet it-test tal-borża vojta biex tkejjel il-livelli tal-effiċjenza enerġetika tal-vacuum cleaners. Dyson kienet ikkонтestat b'suċċess il-legalità ta' dan ir-regolament u, f'sentenza tal-2018, il-Qorti Ĝeneralis kienet annullat dan ir-regolament<sup>2</sup> minħabba li l-metodu ta' ttestjar imwettaq permezz ta' borża vojta ma kienx jirrifletti kundizzjonijiet kemm jista' jkun simili għall-kundizzjonijiet reali ta' użu. Dyson ippreżentat rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, fejn talbet danni ta' valur ta' EUR 176.1 miljun. Fis-sentenza appellata tal-2021<sup>3</sup>, il-Qorti Ĝeneralis kienet ċaħdet it-talba għal kumpens ta' Dyson billi qieset li l-ksur imwettaq mill-Kummissjoni ma kienx suffiċjentement serju.

Fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati illum, l-Avukata Ĝeneralis Tamara Ĉapeta tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-2021 u tikkonstata li l-ksur mill-Kummissjoni tad-Direttiva dwar l-Ittikkettjar tal-enerġija<sup>4</sup>, li r-regolament ikkонтestat issupplimenta fir-rigward tal-vacuum cleaners, huwa suffiċjentement serju. Hija tipproponi wkoll li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ĝeneralis sabiex din tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk humiex issodisfatti kundizzjonijiet oħra sabiex tiġi stabilita r-responsabbiltà għad-danni.

L-Avukata Ĝeneralis teżamina qabeljejn jekk il-Qorti Ĝeneralis ikklassifikat b'mod żbaljat il-motivi ta' Dyson. Hija tqis li, minkejja li Dyson allegat li l-Kummissjoni wettqet ksur suffiċjentement serju meta għażiż it-test tal-borża vojta, il-Qorti Ĝeneralis eżaminat jekk il-Kummissjoni kellhiex dritt twarrab metodu ta' ttestjar imwettaq b'kontenituri mimli bit-trab. L-Avukata Ĝeneralis tinnota li din id-distinżjoni hija importanti biex jiġi ddeterminat il-livell ta' marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni. Hija tqis li l-Kummissjoni ma kellhiex tadotta t-test tal-borża vojta. Dan iwassal lill-Avukata Ĝeneralis tikkonkludi li l-Qorti Ĝeneralis kienet ikklassifikat b'mod żbaljat il-motiv ta' Dyson.

L-Avukata Ĝeneralis Ĉapeta sussegwentement tanalizza l-ġurisprudenza eżistenti u tqis li s-setgħa diskrezzjonalis għandha rwol sabiex jiġi ddeterminat jekk ksur tad-dritt tal-Unjoni jistax jiġi kklassifikat bħala suffiċjentement serju, iżda li dan ir-rwol ma huwiex determinanti. Għaldaqstant, hija tqis li l-Qorti Ĝeneralis ma wettqitx żball ta' l-iġi meta kkonkludiet li, irrisspettivament minn jekk istituzzjoni għandhiex jew le setgħa diskrezzjonalis, għandu xorta jiġi vverifikat jekk jeżistux elementi ta' natura li jiskużaw il-ksur.

<sup>1</sup> Regolament ta' Delega (UE) tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-vacuum cleaners (ĠU 2013, L 192, p. 1)

<sup>2</sup> Sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, Dyson vs Il-Kummissjoni, [T-544/13 RENV](#) (ara l-istqarrija għall-istampa Nru [168/18](#)).

<sup>3</sup> Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2021, Dyson et vs Il-Kummissjoni, [T-127/19](#) (ara l-istqarrija għall-istampa [Nru 218/21](#))

<sup>4</sup> Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (riformulazzjoni) (ĠU 2010, L 153, p. 1)

Madankollu, skont l-Avukata Ĝeneralu, il-Qorti Ĝeneralu wettqet żball ta' liġi meta evalwat dawn l-elementi u meta qieset li d-diffikultajiet interpretattivi u l-kumplessità regolatorja setgħu jiskużaw lill-Kummissjoni fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament Delegat. Fil-fehma tagħha, ma jistax jiġi aċċettat, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, li l-Kummissjoni, bħala amministratur "tajjeb" normalment prudenti u diliġenti, setgħet tqis li hija kienet iġġustifikata tad-donna metodu ta' ttestjar li jqarraq bil-konsumaturi dwar l-efficċenza enerġētika tal-vacuum cleaners sempliċement għaliex dan kien l-uniku metodu ta' ttestjar disponibbli f'dan iż-żmien.

L-Avukata Ĝeneralu tqis li l-Kummissjoni kienet taf, fiż-żmien rilevanti, li t-test tal-borża vojta ma setax jilħaq l-għan tad-Direttiva 2010/30 li kien jikkonsisti fl-għotxi lill-konsumaturi ta' informazzjoni dwar l-efficċenza enerġētika tal-vacuum cleaners sabiex ikunu jistgħu jixtru prodotti iktar effiċċenti fl-użu tal-enerġija. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ma setgħetx tinjora li tali test jqarraq bil-konsumaturi. **La diffikultajiet interpretattivi u lanqas il-kumplessità regolatorja ma setgħu jiskużaw lill-Kummissjoni tal-adozzjoni tat-test tal-borża vojta.** Għaldaqstant, l-Avukata Ġenerali tikkonkludi li l-Kummissjoni wettqet ksur suffiċjentement serju tad-Direttiva 2010/30.

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendent, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lili. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ĝeneralu. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ĝeneralu. Fil-każ fejn il-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definitiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-opinjoni jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata l-opinjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ④(+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ④(+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

